## IL-MIXJA TAL-KOMUNITÀ NISRANIJA FL-IKLIN

Nhar is-6 ta' Mejju, waqt Liturġija Solenni, Monsinjur Arċisqof Charles Scicluna ser jikkonsagra din il-Knisja Parrokkjali u l-Artal Maġġur tagħha.

Dan hu mument storiku fl-istorja tal-Kommunita tal-Iklin, li tmur lura għal-- bidu tas-snin 80 meta beda jiżdied in-numru ta' familji jgħixu fl-inħawi tal-Iklin.

Għalhekk il-Kappillan ta' Ħal Lija, Dun (illum Mons.) Alfred Xuereb, ħaseb biex jibda jipprovdi servizzi pastorali lil din iż-żona tal-Parroċċa. Għal dan il-għan huwa fetaħ Ċentru tal-Katekiżmu għat-tfal fi Triq Stefano Erardi. Aktar tard inkera garaxx fi Triq Lewis F. Mizzi biex ikun iċċelebrat il-quddies. It-tagħlim tad-duttrina għat-tfal ġie trasferit ukoll għal flett fl-istess triq biex hekk il-ħajja pastorali tal-komunità setgħet tiġi organizzata aħjar.

Fit-23 ta' Lulju 1993, bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Nazzaren Caruana, ġie inawgurat Ċentru Pastorali fi Triq Guzeppi Calleja. Dan kien imbierek mill-Vigarju Ġenerali Mons. Annetto Depasquale. Dan seħħ grazzi għall-ġenerożita` ta' benefattur li rregala garaxx li nbidel f'kappella.

Bl-inawgurazzjoni ta' dan iċ-Ċentru Pastorali proviżorju l-ħidma pastorali ta' din il-komunità żdiedet tant li fis-6 ta' Ġunju 1994 twaqqaf l-ewwel Kunsill Pastorali Iklin. Sadanittant, matul dawn is-snin, minbarra l-Kappillan, is-saċerdoti Dun Mose` Borg, Dun (illum Mons.) Ġuzepp Fenech u Dun (illum Arċisqof) Charles J. Scicluna għenu fil-ħidma pastorali fl-Iklin.

Fil-15 ta' Awwissu 1995 il-Kanonku Karm Aquilina inħatar mill-Arċisqof Guzeppi Mercieca bħala responsabbli mill-pastorali taż-żona tal-Iklin, bil-mandat li jibni Ċentru Pastorali ġdid.

Fis-16 ta' Ġunju 2000 sar it-Tberik u t-Tqegħid tal-ewwel ġebla ta' dan iċ-Ċentru ġdid mill-Arċisqof Mons. Guzeppi Mercieca. Fid-19 ta' Marzu 2002 l-istess Arċisqof fetaħ uffiċjalment dan iċ-Ċentru li jikkonsisti fi knisja mdaqqsa, kmamar għat-tagħlim tad-duttrina, sala għal laqgħat ta' kull xorta, ċentru għaż-żgħażagħ u l-uffiċċju parrokkjali.

Fil-15 ta' Frar 2003 l-Iklin ġie ddikjarat Żona Pastorali Awtonoma bil-fakultajiet u l-obbligi kollha ta' Parroċċa. Dakinhar il-Kanonku Karm Aquilina ħa l-pussess bħala Rettur taż-Żona, bl-obbligi kollha ta' Kappillan.

Fid-19 ta' Marzu 2005 l-Iklin ġie ddikjarat Parroċċa taħt it-titlu tal-Familja Mqaddsa u l-Kanonku Karm Aquilina nħatar l-ewwel Kappillan tal-komunità tal-Iklin.

Bejn il-15 u l-20 ta' Frar 2009, L-E.T. Monsinjur Pawl Cremona OP, Arċisqof ta' Malta, għamel l-ewwel Żjara Pastorali fil-Parroċċa tal-Iklin.

Fis-26 ta' Settembru 2010 tħabbret in-nomina ta' Dun Keith Bonnici bħala t-tieni Kappillan tal-Parroċċa tal-Iklin. Dun Keith beda' s-servizz pastorali tiegħu f'din il-parroċċa f' Jannar 2011 waqt quddiesa mmexxija mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawl Cremona OP.

## NIKKONSAGRAW IL-KNISJA TAGĦNA

Il-funzjoni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja ser titmexxa minn Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, li bħala saċerdot żagħżugħ kien wieħed mill-ewwel saċerdoti li qdew il-komunità tal-Iklin. It-titular li jsebbaħ il-Knisja tagħna hu xogħol il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi. Juri lil din il-Familja ta' Nazaret, mudell għall-familji tagħna.

Il-Knisja kienet maħsuba biex tkun is-sala ta' taħt knisja oħra li kien hemm il-ħolma li tinbena fuqha. Wara li ġew studjati r-rakkomandazzjonijiet tal- Arċisqof Emeritu Monsinjur Pawl Cremona OP, fil-Vista Pastorali tiegħu fl-2009, id-diżinn oriġinali tal-Perit Jojo Delia ġie adattat mill-artist Għawdxi Manuel Farrugia u l-Perit Kurt Meilak. Hekk il-presbiterju ġie mkabbar, infetaħ bieb t'aċċess għaċ-Ċentru Pastorali u s-Sagristija, qed titħejja Kappella tal-Magħmudija u ġiet trasferita u msebbħa l-Kappella tas-SS.mu Sagrament. Ingħalaq ukoll il-Konfessjonarju biex issa nħolqot kamra ta' rikonċiljazzjoni fil-Knisja. Nhar is-6 ta' Mejju, kif jidħol Monsinjur Arċisqof mill-bieb prinċipali tal-Knisja, is-Sur Joe Salomone, Moderatur tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, f'isem il-komunità parrokkjali , ser jippreżenta simbolikament lil Monsinjur Arċisqof iċ-ċwievet tal-Knisja. Dawn juru is-sagrifiċċji u l-ħidmiet, id-dwejjaq u l-ferħat, b'tant imħabba u dedikazzjoni ta' bosta, li waslu biex jinbena dan it-Tempju. Ma' dawn iċ-ċwievet umilment nippreżentaw lill-Arċisqof dan it-Tempju, xogħol idejna, għas-servizz tal-komunità Nisranija f'Malta, b'sens ta' ko-responsabbilta miegħu bħala r-ragħaj ta' din l-Arċidjoċesi għażiża.

L-ewwel rit li jsir huwa dak tat-traxxix tal-ilma, li jfakkarna fil-Magħmudija tagħna. L-ewwel persuna li tgħammdet f'din il-Knisja kienet Christa Marie Camilleri, nhar is-16 ta' Frar 2003. L-Arċisqof ibierek il-ħitan u l-binja tal-Knisja kif ukoll is-sistemi ġodda, awdjo u viżivi, dawk tal-elettriku u d-dawl, u s-sistema loop ġdida għal dawk l-aħwa neqsin mis-smiegħ. Ibierek il-komunità parrokkjali kollha tagħna, il-ġebel ħaj mgħammed u kkonsagrat lil Alla, parti minn Kristu, s-saċerdot, profeta u sultan.

Imbagħad l-Arċisqof jidlek l-artal u l-Knisja biż-żejt tal-Griżma tal-Isqof. Taħt l-Artal Maġġur ser jitqegħdu relikwi ta' San Ġorġ Preca, il-Beata Marija Adeodata Pisani u l-Beatu Nazju Falzon. Il-mejda tal-Ewkaristija, magħmula mill-Ġebla Għawdxija tal-qawwi, hija xogħol il-marmista Raymond Bonello, mix-Xagħra Għawdex. L-Arċisqof iqiegħed idejh fuq l-Artal u jitlob li l-Mulej iqaddes din il-knisja u dan l-altar bi qdusija mis-sema, biex dan il-post ikun imqaddes għal dejjem, u dan l-altar ikun dejjem mejda mħejjija għas-sagrifiċċju ta' Kristu. L-erba' slaleb tal-Konsagrazzjoni, li ħa jfakkruna mal-mixja tas-snin, fid-dilka ta' dan it-tempju- u tagħna - biż-żejt tal-Griżma, huma maħdumin mill-mużajk u mqegħda fuq sodda tal-ġebel tal-qawwi mill-artista Għawdxija Maria Portelli minn Nadur. Wara li jintmesaħ u jintrama l-Artal għas-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, issir l- inċensazzjoni tal-altar u tal-Knisja. Jinxtegħel l-artal u s-Slaleb tal-Konsagrazzjoni u s-sistema l-ġdida tad-dawl.

Wara tkompli l-Quddiesa bħas-soltu. Waqt l-Offertorju ser jittellgħu donazzjonijiet li ngabru waqt iż-żewġ weekends ta' qabel il-Festa Parrokkjali u ta' qabel il-Konsagrazzjoni tal-Knisja u tal-Artal, meta l-parroċċa ċċaħħdet mid-dħul tal-offertorju u kull ma jinġabar ser jingħata lil Monsinjur Arċisqof biex, kif tant jixtieq hu, ikun jista jinfetaħ is-St Michael Hospice ġewwa Cini Institute, Sta Venera, fejn ikunu jistgħu jintlaqgħu nies b'mard terminali ħalli jirċievu b'għożża kura paljattiva b'xejn. Fi tmiem iċ-Ċelebrazzjoni, waqt l-innu tal-ħruġ, issir it-tberik tal-lapida li tfakkar din l-okkażżjoni.

Wara kulħadd mistieden għal riċeviment fil-bitħa ta' barra taċ-Ċentru Parrokkjali.



# *Stedina Għalik*

## Il-Konsagrazzjoni mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Charles J Scicluna tal-Knisja Parrokkjali Familja Mqaddsa

IS-SIBT 6 TA' MEJJU 2017 FIS-5:45PM

# Lill-Membri tal-Komunità Nisranija fl-Iklin



Nhar is-Sibt 6 ta' Mejju 2017 Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna ġej biex jikkonsagra l-Artal il-ġdid u l-Knisja Parrokkjali tal-Familja Mqaddsa fl-Iklin. Qed nikteb biex nistiednek tiġi għal din il-Quddiesa tal-Konsagrazzjoni li tibda fis-6.00 pm.

Dakinhar, l-Arċisqof jidħol fil-Knisja Parrokkjali tagħna u jikkonsagraha lill-Mulej. Jixħet l-ilma mbierek fuq il-ħitan tagħha. Jidlek l-artal il-ġdid biż-żejt tal-Griżma u jidlek il-kolonni bl-istess żejt. Fuq dawk il-kolonni jitwaħħlu erba' slaleb li jibqgħu ifakkru l-Konsagrazzjoni tal-Knisja tagħna.

Xtaqt f'din l-okkażżjoni li nikteb lil dawk il-membri tal-komunità' Nisranija fl-Iklin li ma baqgħux jiġu għall-Quddiesa tal-Ħadd. Nifhem li r-raġunijiet huma ħafna u varji. Fosthom, nistqarruha b'umiltà u b'sinċerità anke d-difetti tas-saċerdoti tagħna u tal-Knisja. Għal dan nitolbu maħfra u skuża.

Ma nwegħdukomx li sa nsiru perfetti. Imma li nippruvaw niġġeddu kontinwament. Żgur però li n-nuqqas tagħkom inħossuh ħafna. Għalina mhux xorta, li tiġu jew li ma tiġux. Il-post tagħkom fil-Knisja ma jimlieh ħadd, qatt. Nitolbukom bil-ħerqa li tibdew terġgħu tiġu regolarment. Bikom, il-familja Nisranija fl-Iklin tkun kompleta. Nistennewkom bil-qalb.

Xtaqt ukoll li nikteb lil dawk li jiġu l-Knisja. Xtaqt ngħidilkom li l-ħajja tal-Parroċċa mhix biss is-sehem regolari fil-Quddies. Il-parroċċa twettaq ħafna ħidmiet li – apparti l-grazzja t'Alla – jiddependi mill-impenn ġeneruż ta' ħafna mill-membri tagħha.

Fil-Parroċċa tagħna, għall-grazzja t'Alla, għandna numru sabiħ t' Insara impenjati fi strutturi u attivitajiet li jitwettqu. Imma dejjem hemm spazju u ħtieġa għal aktar. Postkom ma jimlieh ħadd lanqas. Mingħajrek il-jigsaw puzzle ma tinbeniex kollha.

Nitolbukom tirriflettu u taraw il-Mulej hux isejħilkom biex timpenjaw ruħkom f'xi ħidma eżistenti jew xi oħra ġdida. Hekk jista' jsir aktar ġid. Kellmuna u naraw x'jista' jsir. Grazzi bil-quddiem.

Kull kif, nistenniekom minn qalbi nhar is-Sibt 6 ta' Mejju fis-6.00 pm

**FR KEITH BONNICI**
KAPPILLAN

# PROGRAMM TAL-KONSAGRAZZJONI

Waqt iż-żewġ weekends ta' qabel il-Konsagrazzjoni tal-Knisja u tal-Artal, jiġifieri bejn it-22 u d-29 t'April, il-parroċċa ser tiċċaħħad mid-dħul tal-offertorju u kull ma jinġabar ser jingħata lil Monsinjur Arċisqof biex, kif tant jixtieq hu, ikun jista jinfetaħ is-St Michael Hospice ġewwa Cini Institute, Sta Venera, fejn ikunu jistgħu jintlaqgħu nies b'mard terminali ħalli jirċievu b'għożża kura paljattiva b'xejn.

Il-Kummissjoni Djakonija, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, qed tistieden lill-komunità parrokkjali biex, bħala sinjal ta' solidarjeta' mal-oħrajn, kull min jista' jingħaqad fi grupp li se jmur jagħti d-demm fil-Blood Unit G'mangia nhar it-Tnejn, 1 ta' Mejju matul in-nofstanhar ta' filgħodu. Trasport provdut għal min ikollu bżonn. Kull min irid jingħaqad magħna jagħti ismu lill-Kappillan sa nhar il-Ħadd, 23 ta' April.

**Is-Sibt u l-Ħadd 28 u 29 t'April**
*It-Tielet Ħadd tal-Għid – 'Ibqa' Magħna Mulej għax issa sar ħafna ħin'*
Waqt il-quddies kollu tal-weekend l-omelija tispjega x'jiġifieri il-konsagrazzjoni tal-Knisja u tal-Artal Maġġur fid-dawl tal-Vanġelu tal-ġurnata.

**Il-Ġimgħa 5 ta' Mejju**
18:15 Quddiesa
18:40 Velja ta' talb bi preparazzjoni għall-Konsagrazzjoni tal-Knisja u tal-Artal. Jiġu esposti r-relikwi li ser jitqegħdu fl-Artal. Jitkanta l-ewwel għasar tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja u ssir prietka tal-okkażżjoni minn Patri Marcello Ghirlando OFM dwar Konsagrazzjoni ta' Knisja u Artal fl-Iskrittura Mqaddsa.

**Is-Sibt 6 ta' Mejju**
*Jum il-Konsagrazzjoni tal-Knisja u tal-Artal Maġġur*
17:45 Wasla tal-E. T. Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna
18:00 Quddiesa Solenni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali Familja Mqaddsa fl-Iklin u tal-Artal Maġġur mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Monsinjur Arċisqof.

Wara l-Quddiesa kulħadd mistieden għal Riċeviment fiċ-Ċentru Parrokkjali. Mistednin il-familja kollha tal-Iklin. Ma jkunx hawn il-quddiesa tat-19:45.

**Il-Ħadd 7 ta' Mejju 2017**
Waqt il-Quddies kollu ssir talba ta' konsagrazzjoni tal-familji tagħna lill-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.
11:15 Quddiesa ta' radd il-ħajr bis-sehem tat-tfal tal-parroċċa u l-ġenituri tagħhom.

**TALBA TAL-ARĊISQOF QABEL IT-TRAXXIX BL-ILMA MBIEREK FUQ IL-KOMUNITÀ U FUQ IL-ĦITAN TAL-KNISJA**

Qaddes għalhekk bil-barka tiegħek,
dan l-ilma, ħolqien tiegħek,
biex, imraxxax fuqna
u fuq il-ħitan ta' din il-knisja,
ikun għalina sinjal
tal-Magħmudija tagħna,
ta' dak il-ħasil tas-salvazzjoni,
li bih, imnaddfin fi Kristu,
sirna tempju tal-Ispirtu qaddis tiegħek;
u agħmel li aħna lkoll naslu
fil-belt qaddisa, Ġerusalem tas-sema,
flimkien ma' ħutna kollha,
Li ma' tul iż-żminijiet li gejjin
għad jiċċelbraw il-misteri qaddisa
f'din il-knisja. Bi Kristu Sidna.

---

**TALBA TAL-ARĊISQOF QABEL JIDLEK L-ARTAL U L-ĦITAN TAL-KNISJA BIŻ-ŻEJT TAL-GRIŻMA**

Għalhekk, Mulej, fix-xejn tagħna nitolbuk,
tqaddes din il-knisja u dan l-altar bi
qdusija mis-sema, biex dan il-post ikun
imqaddes għal dejjem,
u dan l-altar ikun dejjem mejda mħejjija
għas-sagrifiċċju ta' Kristu.

Hawn, xita ta' grazzji mis-sema thassar
ħtijiet il-bnedmin,
biex, Missier, uliedek li kienu mejta
minħabba d-dnub,
jerġgħu jitwieldu għall-ħajja tas-smewwiet.

Hawn, il-fidili tiegħek, miġburin madwar
il-mejda ta' l-altar,
jiċċelebraw il- misteri ta' l-Għid,
U jieħdu l-ħajja bl-ikel tal-Kelma
u tal- Ġisem ta' Kristu.

Hawn, tidwi l-offerta hienja ta' tifħir
u radd il-ħajr,
waqt li leħen il-bnedmin jingħaqad
ma' l-għana tal Anġli,
U jitla' quddiemek, kollu ħeġġa, it-talb
għas-salvazzjoni tad-dinja.

Hawn il-foqra jsibu ħniena,
il-maħqurin isibu ħelsien tassew,
u l-bnedmien kollha jiksbu
d-dinjità ta' wlied Alla
sa ma jaslu ferħana fil-belt il-ġdida,
Ġerusalem tas-sema.

B'Ibnek Ġesu Kristu Sidna li hu Alla
U miegħek igħix u jsaltan
flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
Għal dejjem ta dejjem. Ammen.

**TALBA TAL-PAPA FRANĠISKU LILL-FAMILJA MQADDSA**

Ġesù, Marija u Ġużeppi,
fikom nikkontemplaw
il-ġmiel tal-imħabba vera,
u lejkom induru b'fiduċja.

O Familja Mqaddsa ta' Nazaret,
agħmel li anki l-familji tagħna jkunu
mkejjen ta' komunjoni u ċenakli ta' talb,
skejjel awtentiċi tal-Evanġelju
u Knejjes ċkejkna tad-dar.

O Familja Mqaddsa ta' Nazaret,
nitolbuk li qatt iżjed fil-familji tagħna
ma ngarrbu vjolenza, għeluq u firda:
kull min kien miġruħ jew skandalizzat,
ħa jsib minnufih faraġ u fejqan.

O Familja Mqaddsa ta' Nazaret,
agħmel li lkoll kemm aħna nagħrfu
l-karattru qaddis u bla mittiefes tal-familja,
tal-ġmiel tagħha fil-pjan ta' Alla.

Ġesù, Marija u Ġużeppi,
isimgħu u ilqgħu t-talba tagħna.

Ammen.